MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1216/2000/1

**Maltacom p.l.c.**

**-vs-**

**Anastasi Trading Co. Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fis-17 ta' Novembru, 2000 li permezz tieghu Saviour Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' esponenti jesponi bir-rispett:

Illi l-kawza fl-ismijiet "John Scicluna, fil-kwalita' tieghu ta' Chairman, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni

Telemalta vs. Alphonse Anastasi bhala Direttur, ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta Anastasi Trading Company Limited” (Cit Nru 835/90 JF) giet deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-7 ta’ Jannar 1993, u fl-istess kawza s-socjeta konvenuta giet kkundannatta thallas lis-socjeta esponenti s-somma komplessiva ta’ elf mitejn u wiehed u tletin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm1231.98), oltre lis-spejjez tal-kawza u imghax legali (Dokument “A”).

Illi mill-imsemmija somma s-socjeta konvenuta ma halset xejn.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta’ esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Illi s-socjeta Maltacom p.l.c. illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess socjeta rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Ghaldaqstant is-socjeta’ esponenti filwaqt illi taghmel riferenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) titlob bir-rispett illi dina l-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet indikati u kontra l-istess Anastasi Trading Company Limited.

Rat illi s-socjeta intimata ma pprezentatx risposta u kwindi baqghet kontumaci skond il-Ligi nonostante illi giet debitament notifikata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Novembru, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukat Dottor Keith Grech ghas-socjeta’ rikorrenti kkonferma illi l-ammont mitlub ghadu dovut.

**Il-Qorti ghalhekk fil-kontumacja tas-socjeta intimata, tilqa' t-talba u tawtorizza lir-rikorrenti li tesegwixxi s-sentenza moghtija fis-7 ta' Jannar, 1993 fuq indikata, ghall-ammont indikat fir-rikors.**

**L-ispejjes jithallsu mis-socjeta' intimata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------